QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
SUPERJURI

MAGISTRAT :
Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)

**Seduta tal-lum il-Hamis 25 ta' Jannar 2001**

Citazzjoni numru 1/2001

Marpo Trading Limited

-vs-

Angelo Camilleri u martu Mary Camilleri

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fit-2 ta' Jannar 2001 fejn ippremettiet illi l-kumpanija attrici "Marpo Trading Limited" ghandha tiehu minghand il-konvenuti s-somma ta' hamest elef erba' mija tmienja u ghoxrin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm5,428.97) oltre l-interess fuq l-ammont rispettiv b'effett mid-data ta' kull konsenja sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi dan l-ammont huwa dovut bhala prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenuti f'diversi okkazzjonijiet.

Illi s-socjeta' attrici trid tithallas l-ammont dovut minghand il-konvenuti.

Illi dan id-debitu hu wiehed cert, likwidu u dovut u safejn taf l-attrici l-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jqajmu ghat-talba illi dan il-kreditu taghha jithallas;

Tghid ghalhekk ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti;

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici u Organizazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef erba' mija tmienja u ghoxrin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm5,428.97) oltre l-interessi fuq l-ammont rispettiv b'effett mid-data ta' kull konsenja sad-data ta' l-effettiv pagament;

liema interessi sal-31 ta' Dicembru 2000 jammontaw ghal mitejn u ghoxrin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm220.78).

Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra interpellatorja tad-9 ta' Novembru 2000 u ta' l-ittra ufficjali spedita f'Novembru 2000.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huma ingunti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' attrici guramentata minn Paul Sultana in rapprezentanza ta' l-istess socjeta'.

Rat l-affidavit ta' Paul Sultana li jinsab anness ma' l-atti ta' din il-kawza.

Rat ir-riferta posittiva tal-konvenuti b'din ic-citazzjoni u bl-avviz ghas-smiegh tal-kawza.

Rat in-nota tal-konvenuti pprezentata fl-udjenza tal-25 ta' Jannar 2001 li permezz taghha ammettew t-talbiet attrici.

Il-Qorti;

Ghalhekk tara li t-talbiet attrici huma gustifikati, tilqa' l-istess talbiet u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici "Marpo Trading Ltd" is-somma ta' hamest elef erba' mija tmienja u ghoxrin lira Maltin u sebgha u disghin cetntezmu (Lm5,428.97) oltre l-interssi fuq l-ammont rispettiv b'effett mid-data ta' kull konsenja sad-data ta' l-effettiv pagament, liema interessi sal-31 ta' Dicembru 2000 kienu jammontaw ghal mitejn u ghoxrin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm220.78).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tad-9 ta' Novembru 2000 u ta' l-ittra ufficjali spedita f'Novembru 2000 kollha kontra l-konvenuti.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(Ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur